MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

28 ta' Settembru 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.27pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

51.1.1 Is-Sindku qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji. Is-Sur Galea jinsab imsiefer imma qal li xorta ħa jidħol online.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 50 ġew approvati.

## 51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

51.3.1 ***Kiri ta' Karozza għall-Pulizija tal-Komunità***

Is-Sur Cordina qal li kien ġa tkellem fuq il-fatt li l-Kunsilli ta' Lija, Iklin, Balzan u Ħ'Attard ġew mitluba mill-Pulizija tal-Komunità u għalhekk ikkollaboraw biex tinkera vettura liema spejjeż ta' fjuwil eċċetera jibqgħu għall-Pulizija. Kien għalhekk li nġabet kwotazzjoni mingħand il-Percius li kwotaw il-kiri ta' din il-vettura għall-€413 fix-xahar li bejn l-erba' Kunsilli tiġi €103.25. Hu qal li din mhix spiża kbira imma jkollhom biex imorru min-naħa għall-oħra. Din l-ispiża ġiet approvata. Is-Sur Bonnici qal li fuq il-vettura għandu jkun hemm il-logo tal-Kunsill. Is-Sur Mangion saqsa jekk hux se tiżdied il-vettura biss? Is-Sur Cordina qal li se jiżdied dan is-servizz biex il-Pulizija jkunu iktar effiċjenti.

51.3.2 ***Line Dancing***

Ġiet approvata l-ispiża ta' €400 sabiex jjingħataw *refreshements* waqt il-break bejn lezzjoni u oħra taż-żfin.

Is-Sur Giorgio Schembri u s-Sur Victor Galea daħlu f'dan il-mument 5.35pm u 5.37pm rispettivament.

51.3.3 ***Octoberfest***

Is-Sur Cordina ġie avviċinat minn ċertu Sur Mallia sabiex issir attività fil-Pjazza li tinkludi xi forma ta' avveniment flimkien mal-bejgħ ta' birra u żalzett tipiku Ġermaniz. Kull ma qed jintalab, jekk issir, hu l-użu tal-Pjazza fis-7 u 8 ta' Ottubru u hu propona li dan jingħata b'xejn. L-Avukat Caruana qalet basta jsir it-tindif wara. L-Avukat Brincat qal li barra t-tindif irid jagħmel tajjeb għall-ħsarat. Is-Sur Cordina qal li dawn ikunu parti mill-permess li jingħata. Kulħadd qabel.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.4.1 Is-Sur Victor Galea

- Qal li ġie avviċinat mill-komunità ta' Triq il-Pitkali sabiex isiru *timed parking bays* għall-klijenti minħabba li żdiedu l-Uffiċċini u mhux isibu jipparkjaw. Is-Sur Cordina qal li ħa jpoġġiha bil-kontra li r-residenti avviċinawh minħabba li mhux qed isibu parkeġġ ħabba l-klijenti tal-ħwienet. Qal li tal-ħwienet għandhom dritt jitolbu imma r-residenti wkoll u ma tistax togħġob l'Alla u x-xitan.
- Saqsa jekk kull fejn qed isir xogħol mill-Epic u Go plc hux ħa jsir *re-instatement.* Is-Sur Cordina qal li iva qed isir anka fejn sar ix-xogħol fi Triq il-Pitkali u qed isir bil-*hot tarmac*.

51.4.2 L-Avukat Brincat

- Saqsa fuq il-villaġġ tal-isports u jekk hemmx xi żviluppi? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li appuntu kienet fuq il-linja mal-Perit u għadha kemm tkellmet miegħu fuq hekk. Qalet li wara l-laqgħa tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu l-Perit daħħal interested party u għalhekk meta jkun hemm xi seduta hu se jiġi nfurmat u jkunu jistgħu iressqu l-punti validi tal-Kunsill. Is-Sur Cordina reġa fakkar fuq il-punti sabiex dawn jintbagħtu asap biex il-Perit ikun jista' jmexxi fuq il-każ.
- Saqsa fuq ix-xogħolijiet ħdejn l-iskola u li dawn bdew fi żmien ħażin. Is-Sur Cordina qal li filgħodu nfetħu ż-żewġ karreġġjati u dan ġie kkonfermat mill-Perit Schembri. Hu qal li dawn qed isiru fuq ftehim li hu kien għamel mal-Inġinjier Fredrick Azzopardi u żgur ma jagħmilx ġid li joqgħodu jikkritikaw għax malajr jieqfu u jkomplu darb'oħra. L-Avukat Brincat qal li l-aħjar dawn ix-xogħolijiet isiru fis-Sajf u qabel tibda x-xita. Is-Sur Cordina qal li l-kuntrattur laħaq beda xogħol ieħor fi Triq il-Kappella tal-Mirakli u kif lesta laħaq ħareġ il-permess u ġie jibda l-kanal.

51.4.3 Il-Perit Giorgio Schembri

- Irringrazzja lis-Sur Victor Galea għall-għajnuna tiegħu waqt li kienu Gela.
- Qal li ġibdulu l-attenzjoni fuq il-periklu fi Triq il-Marġ huma u ħerġin minn Triq il-Marġ. Is-Sur Cordina qal li m'hemmx dak il-periklu li qed jgħidu u li jekk isiru studji kif qed jitlob hu kollox ikun a spejjeż tal-Kunsill.
- Talab biex issir iktar pressjoni ħabba l-pont. Is-Sur Cordina qal li tkellem ma' Infrastructure Malta imma peress li Ta' Qali bħalissa jinsab magħluq ma kienux tal-parir li jingħalaq il-pont ukoll biex jitkompla x-xogħol għax inkella n-nies jissalbu biex jidħlu u joħorġu u t-triq hi preżentabbli u tajba. Is-Sur Cordina qal li suppost dan se jitwessa'. Irrisponda wkoll lis-Sur Galea li ż-żrar li kien hemm mal-art fi Triq il-Mosta inkines.

51.4.4 Is-Sur Remigio Bartolo

- Saqsa fuq Ġnien l-iStazzjon. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed jitlesta l-ħajt minħabba li sabu pedamenti mhux stabbli biżżejjed, kellu jinħatt, jinqatgħu l-għeruq u jerġa' jittella' mill-ġdid, tlesta x-xogħol fuq il-bir u kien ħa jerġa' jintefa' postu l-apparat imma

qabel jitpoġġa kellu bżonn xi manutenzjoni. Rigward żminijiet hi qalet li qas taf eżatt f'dan l-istadju minħabba li tant inqalgħu intoppi u ilhom weqfin li eżatt qas tista' tgħid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 2023 suppost ikun lest.

51.4.5 Is-Sinjura Connie Scerri

- Reġgħet saqsiet fuq il-bankina ta' Roseville. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina saret is-sena l-oħra u hi fi stat tajjeb ħafna
- Saqsiet fuq l-istatwa ta' Triq l-Imdina. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma semgħet xejn fuqha iktar.

Is-Sur Bonnici saqsa fuq l-Uffiċċini tal-Kunsill. Is-Sindku ta rendikont u qal li jinsab irrabjat għax tagħhom tajjira kif suppost għax meta għamlet ix-xita talab biex isir xi forma ta' lqugħ biex ma jixxarrabx il-ġibs u l-kuntrattur qallu li jekk jixxarrab jerġgħu jaqilgħuh. Qal li dan mhux xogħol u li jekk ikun hemm bżonn ħa joħroġ id-*default notices*. Hu kompla jgħid li dan il-kuntrattur rebaħ l-appell u biex ma jaqlax inkwiet ma lissinx li l-irħis għoli. Il-Perit Schembri u s-Sur Mangion qalu li jekk jimxu mal-programm of works u skont ix-xogħol isiru d-*disbursements* imexxu imma s-Sur Cordina qal li għadhom ferm il-bogħod imwegħda.

L-Avukat Brincat saqsa fuq il-ġbir ta' skart mir-Reġjun. Is-Sur Cordina qal li s'issa għadhom ma jafu xejn. L-Avukat Brincat semma wkoll is-siti fejn kellhom jitpoġġew xi kontenituri tal-iskart. Is-Sur Cordina qal li dawn mhux se jsiru.

## 51.5 Risposta tas-Sindku - Estimi Awditjati 2021

51.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ndirizzata lill-Awdituri b'risposta għall-punti elekanti fil-*Management Letter* tas-sena 2021. Din l-ittra ġiet approvata.

## 51.6 Rendikont Jum Ħ'Attard u preparamenti Jum Ħ'Attard

51.6.1 Is-Sur Cordina rringrazzja lis-Sur Bartolo tax-xoghol li għamel u lill-kulħadd tal-kollaborazzjoni li wrew. Is-Sur Bartolo kompla ma' dak li qal is-Sur Cordina u rringrazzja lill-kulħadd, l-istaff, lis-Segretrju Eżekuttiv u speċjalment lis-Sur Victor Galea li kien jagħmel bosta vjaġġi kuljum biex jiffranka t-toroq u l-iskariġġ f'dik is-sħana lill-kulħadd. Is-Sur Bartolo qal li l-Gemellaġġ beda meta banda minn Gela ġiet tagħmel kunċert Malta u din iż-żjara ġiet koordinata mill-Professoressa Ivana Legname. Hu qal li din toqgħod hawn Malta u tivvjaġġa minn Malta għal pajjiżha. Hi kienet iltaqgħet mas-Sur Stefan Cordina fejn uriet ix-xewqa li ttella' l-banda ġewwa Gela fi Sqallija. Kien hemm ukoll possibiltà ta' fondi ewropej u saret laqgħa bejn il-membri tal-Kunsill u l-Uffiċċju tal-EU fejn il-Kunsill wara bosta xogħol biex timtela' din l-applikazzjoni ingħata s-somma ta' €15330. Din is-somma għalkemm għadha ma ġietx mgħoddija lill-Kunsill ingħatat a kundizzjoni li jsir ġemellaġġ ma' Gela. Il-persuni mas-somma kellhom ikunu bejn 86-100. Kien għalhekk li ġie stabbilit min għandu jitla' bħal ma ntqal fil-laqgħa preċedenti cioe'

Kunsilliera u Staff u Familjari, Bandisti u membri tal-Kumitat u familjari, Paul Haber, il-Kappillan u oriġinarjament kien hemm mistiedna wkoll il-Kap tal-iskola Angela Grixti.

Hu qal li dik kienet l-istorja dwar kif il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard tela' Gela ma' La Stella Levantina. Hu qal li jinsab iddiżappuntat dwar dak li ġara Ġela. Qal li fejn ħadem il-Kunsill mar kollox sew. Il-Banda tat kunċert li kien veru tajjeb li tfaħħar min-nies t'hemm u saħansitra bandisti oħra, saru il-preparamenti fuq il-Memorandum of Understanding, il-programm għal waqt il-kunċert li ġie pprintjat mill-Kunsill u kull fejn ħa sehem il-Kunsill kollox mexa ħarir ħlief għal Kunsill ta' Gela u s-Sindku tal-Kunsill. Dan ma tfaċċax għall-iffirmar u ffirma il-Viċi Sindku, saru s-seminars imma dawn saru kif dehrilhom huma u l-affarijiet ma mxewx kif ippjanati. L-kunċert kien impekkabbli imma lanqas is-*seating* ma ħadu ħsieb kompla jgħid is-Sur Bartolo u kellu joqgħod iqajjem in-nies biex żamm ftit siġġijiet għall-Kunsill. Suppost kellha ssir laqgħa bejn iż-żewġ Sindki imma lanqas din ma saret.

Kien hemm żewġ postijiet li d-delegazzjoni kellha żżur bħal fabbrika taċ-ċeramika li ma hi fabbrika xejn. L-iskop kien ġenwin imma kull ma kien dan post fejn tinħadem iċ-ċeramika min-nies sabiex jinġabru flus u jingħataw jieklu 12,000 ruħ fil-ġimgħa. Ma kinitx fl-iskop tal-Kunsill. L-iskola ma kien hemm xejn minn dak li stenna l-Kunsill għax flok kunċert di persona intwera video u s-Surmast tal-Banda La Stella Levantina wkoll wera d-dubji tiegħu kemmm dawn vera kienu studenti ta' din l-iskola.

Hu tenna li dan il-post m'għandu xejn x'joffri. Issa li l-fondi ħarġu ovvjament iridu jinġabru imma jekk dawn jinġabu Malta il-Kunsill kollox perfett se jmexxi u jipprepara. Dan qas paragun ma' Elancourt ma tista' tagħmel għax wara li l-Kunsill kien mar Franza kienu tkomplew l-iskambji bejn l-iskejjel u l-għaqdiet. Lanqas is-Sindku ma kien preżenti għax wara l-quddiesa filgħodu ħa b'id is-Sur Bartolo u telaq l'hemm.

Is-Sur Galea qal lit-Taljani hekk pero' parir li ta għal darb'oħra hu li qabel ma jinbeda xogħol fuq xi ġemellaġġ prospettiv irid jiġi ċċekjat il-post u jsir assessjar. Is-Sur Bartolo qal li Franza kien mar personalment u ra qabel. Imma meta saqsa lil Ivana din qaltlu li m'hemmx għalfejn. Is-Sur Galea irringrazzja s-Sindku li għalkemm ma jiflaħx kompla għaddej.

Il-Perit Schembri qal grazzi lis-Sinjura Mifsud u lill-kulħadd għax-xogħol li għamlu u huwa konvint li min-naħa tal-Kunsill kien hemm *output* tajjeb fejn il-bandisti ħarġu l-Kunsill ta' nies u reġgħu saħansitra kantaw is-soprani fil-Pjazza. Kulħadd għamel effort qawwi ħafna f'dik is-sħana u jinsab ċert li min-naħa tal-Kunsill ħallew impatt tajjeb. Hu tenna li issa l-importanti li jinġabru l-ispejjeż u wara jaraw jekk ikomplux jew le magħhom. Is-Sur Bartolo qal li l-importanti li jinġabru l-ispejjeż.

Il-Perit Schembri qal li l-Kunsill waqqa' għaċ-ċajt li n-nies tiegħu u ma -nies tiegħu u ma ħaqqhomx hekk għax huma nies vera ġenwini.

Is-Sur Bartolo qal li Jum Ħ'Attard se jinżamm fl-24 ta' Marzu għax għalkemm kien intqal li ssir fil-ġimgħa tas-26 ta' Marzu, dik il-ġimgħa, il-ġimgħa se jaħbat il-31 ta' Marzu u se tkun id-Duluri barra festa pubblika wkoll. Talab ukoll lill-Kunsilliera jgħidu jekk jaqblux li jerġgħu jgħidu lill-

Banda La Stella Levantina biex fil-każ ikellmu s-Surmast u jibdew jaħdmu fuq din il-ġurnata. Kulħadd qabel.

## 51.7 Rapporti

51.7.1 Is-Sindku qara r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-Inġaġġ.

***<u>Rapport tal-Bord tal-Għażla 22 ta' Settembru 2022</u>***

Is-sejħa sabiex il-Kunsill jimpjega skrivan/a full time waslet fil-fażi finali.

Il-Kunsill ħareġ is-sejħa skont il-proċedura u ġew mistiedna diversi persuni min-naħa tal-Jobs Plus taħt il-partijiet 1,2 u 3 sabiex japplikaw għal din il-pożizzjoni.

Sfortunatament il-Kunsill ma kellux konkorrenza taħt il-partijiet imsemmija hawn fuq (ħlief għal persuna waħda taħt parti 3, li wara li saret l-*interview* ġie maqbul li minħabba li ma nstabx daqshekk idoneju għal pozizzjoni) għandha tinħareg sejħa esterna u għalhekk inħareg avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Permezz ta' dan l-avviż applikaw 4 persuni fejn dawn ġew imsejħa għall-*interview* illum stess.

Għal dawn l-*interviews*, għalkemm il-kandidati kollha (b'eċċezzjoni ta' wieħed fejn ġejna avżati li mhux interessat) kkonfermaw l-istedina, is-Sna Sharon Debono biss attendiet.

Il-Bord ħass li s-Sna Debono rrispondiet b'mod professjonali għal mistoqsijiet li saru u deher ċar li hi kienet kompetenti ħafna f'sitwazzjonijiet simili għal pożizzjoni rikjesta mill-Kunsill. Huma kkonkludew li hi idoneja għal din il-pożizzjoni.

Għaldaqstant b'mod unanimu ġie maqbul li tiġi mpjegata għal din il-pożizzjoni vakanti.

Iffirmata Stefan Cordina, Helen Caruana, Giorgio Schembri u Marica Mifsud

Is-Sinjuri Caruana u Schembri qalu li fl-opinjoni tagħhom u mhux għax attendiet hi biss, irrispondiet tajjeb u uriet biċ-ċar li ħa tintegra sew mal-kumplament tal-istaff, apparti kompla l-Perit Schembri li meta ġiet mitluba dokumentazzjoni ulterjuri hi provdiethom dak il-ħin stess.

Dan ir-rapport ġie approvat u s-Sinjura Debono għandha tiġi ngaġġata fi Scala 15.

## 51.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

51.8.1 Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 51.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

51.9.1 Approvata. Is-Sur Cordina saqsa għall-proponent u sekondant u vvolontarjaw is-Sur Remigio Bartolo Proponent u s-Sur Victor Galea Sekondant

## 51.10 Mozzjonijiet; u

51.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 51.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.29pm u ġiet aġġornata għat-26 ta' Ottubru 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 26 ta' Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |